A.L. 101 ta' l-1995

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 25 u ta' l-artikoli 28 u 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 101 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Jemenda t-test Ingliż tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-test Ingliż tal-paragrafu (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "be treated these as allowable" għandhom jidħlu l-kliem "be treated as allowable".

Iżid ir-regolament 14 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid:

"Limitazzjoni ta' *input tax* attribwibbli lil xi provvisti.

14. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal taxxa li għandha tiħallas fuq provvisti taxxabbli magħmula lil persuna reġistrata u għal taxxa mħallsa fuq importazzjonijiet taxxabbli magħmula minn dik il-persuna sal-limitu li tkun attribwibbli għal provvisti magħmula jew li għandhom isiru minn dik il-persuna u speċifikati fil-partita 3 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att:

Iżda dan ir-regolament ma għandux japplika għal kull taxxa li tkun attribwibbli għall-provvista ta' akkommodazzjoni f'lukanda hekk liċenzjata taħt il-provvidimenti ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, jew għal servizzi mogħtija lil persuni provduti b'akkommodazzjoni f'dik il-lukanda li jkunu jikkonsistu f'faċilitajiet provduti ġewwa dik il-lukanda.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' taxxa li għalih japplika dan ir-regolament li jista' jitqies bħala *input tax* ta' persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa ma għandux ikun iżjed mill-ammont ta' l-*output tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien fuq il-provvisti li għalihom dak l-ammont ikun attribwibbli.

(3) Kull ammont ta' taxxa li ma jitqiesx bħala *input tax* ta' persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa unikament minħabba l-limitazzjoni provduta fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament għandu jitqies li jkun l-*input tax* ta' dik il-persuna għaż-żmien ta' taxxa li jiġi wara b'żieda ma' kull *input tax* oħra għal dak iż-żmien, b'dan illi:

(a) l-ammont ta' taxxa li għalih japplika dan ir-regolament li jista' jitqies bħala *input tax* għal dak l-imsemmi żmien ta' taxxa li jiġi wara għandu jerġa' jkun soġġett għal dik il-limitazzjoni;

(b) fejn ammont ta' taxxa ma jitqiesx bħala *input tax* għal żmien ta' taxxa minħabba dik il-limitazzjoni u l-provvisti magħmula minn dik il-persuna reġistrata għal għadd ta' żminijiet ta' taxxa konsekuttivi li jiġu wara li jkopru mill-anqas tnax-il xahar ma jkunux jinkludu xi provvisti speċifikati fil-partita 3 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att, li ma jkunux provvisti msemmija fil-proviso li jinsab mal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, dak l-ammont ma għandux jitqies bħala *input tax* għal xi żmien ta' taxxa li jiġi wara;

(ċ) ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tiftiehem li tqis xi ammont li ma ġiex meqjus bħala *input tax* minħabba f'dik il-limitazzjoni għal xi żmien ta' taxxa, bħala kreditu eċċessiv għal żmien ta' taxxa"."